MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tad-29 ta' April, 2014

Citazzjoni Numru. 358/2008

**Rita De Waele (gia` Pergolani)**

**vs**

**Michael Pergolani**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat il-11 t'April, 2008, li permezz tieghu ir-rikorrenti fuq indikata sintetikament esponiet is-segwenti:

1.1. Illi kienet mizzewga lil Carlo Pergolani, cittadin taljan, illum mejjet, bi zwieg iccelebrat Malta fl-1988;

1.2. Illi l-imsemmija konjugi Pergolani kienu stabilixxew id-dar matrimonjali fil-fond 157,*Two Gates Street*, Senglea;

1.3. Illi l-imsemmi Carlo Pergolani kien xtara d-dar indikata fil-paragrafu precedenti permezz ta' zewg (2) kuntratti:

1.3.1. Wiehed datat il-25 t'Ottubru, 1989, *in atti* tan-Nutar Dottor Joseph Brincat;

1.3.2. Iehor datat il-21 ta' Marzu, 1990, *in atti* tal-istess nutar fuq referit;

1.4. Illi l-imsemmi Carlo kien ghamel ta' bir-ruhu li kien qed jidher ghan-nom u ghal-interess ta' ibnu Michael, meta fil-fatt kien qieghed jidher f'ismu propju;

1.5. Illi l-imsemmi Carlo ghamel dak indikat fil-paragrafu precedenti ghaliex kellu diffikultajiet fin-negozju tieghu u kellu diversi djun;

1.6. Illi ghalhekk il-kuntratti saru *pro persona nominanda* u kien ukoll inholoq *constructive trust* fejn l-intimat inhatar *trustee* favur missieru Carlo;

1.7. Illi wara l-akkwist tal-imsemmi fond, ir-rikorrenti u zewgha Carlo ghexu fl-istess fond bhalli kieku kienet taghhom, nefqu l-patrimonju taghhom fl-istess u anke isselfu flus biex jirrestawraw u jirrangaw l-istess fond, u biex jaccertaw ruhhom li c-cens dovut jithallas;

1.8. Illi wara li l-imsemmi Carlo miet intestat, l-intimat qieghed jipprentendi li l-fond de quo jappartjeni lilu biss u informa lir-rikorrenti li xtaq ibiegh l-istess fond meritu ta’ din il-procedura;

1.9. Illi in effetti d-dar *de quo* kienet proprjeta` ta’ Carlo Pergolani u ghalhekk, ir-rikorrenti ghandha dritt ta’ l-uzu u abitazzjoni fiha apparti d-dritt ta’ proprjeta` fuq l-istess;

1.10. Illi nonostante li l-intimat gie interpellat jirrikonoxxi d-drittijiet taghha fuq l-istess proprjeta`, dan irrifjuta tali rikonoxximent;

1.11. Illi konsegwentement kellha tigi intavolata din il-procedura fejn ir-rikorrenti talbet lill din il-qorti biex:

1.11.1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-proprjeta in dizamina fuq referita, (ara paragrafu numru wiehed punt tnejn, (1.2, aktar qabel), akkwistata f’isem Michael Pergolani, kienet fil-fatt akkwistata mill-

istess, fuq inkarigu u fl-interess ta’ Carlo Pergolani personalment;

1.11.2. Tiddikjara u tiddeciedi li Michael Pergolani qieghed izomm il-proprjeta *de quo* bhala *trustee* ghall-beneficcju tar-rikorrenti mart Carlo u l-eredi l-ohra tieghu;

1.11.3. Bla pregudizzju ghat-tieni talba, tordna u tiffissa jum, hin u lok ghall-publikazzjoni ta’ l-att ta’ korrezzjoni mehtieg biex jigi rifless li l-proprjeta de quo kienet tappartjeni lill Carlo Pergolani;

1.11.4. Tiddikjara li r-rikorrenti ghandha d-dritt ta’ l-uzu u l-abitazzjoni tal-istess proprjeta tul hajjitha;

2.0. Rat ir-risposta tal-intimat Pergolani datata l-15 ta’ Settembru, 2008, li permezz taghha sintetikament wiegeb is-segwenti:

2.1. Illi preliminarjament ir-rikorrenti ghandha turi l-interess guridiku taghha f’din il-kawza;

2.2. Illi fil-meritu, t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati u ghandhom jigu respinti stante li l-proprjeta` in dizamina hi proprjeta` esklussiva tal-intimat;

2.3. Salv eccezzjonijiet ohra;

3. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat id-9 ta’ Dicembru, 2008, li permezz tieghu hatret lill-avukat hemm indikata biex tisma’ il-provi kollha (ara foll 20);

4. Rat il-verbal datat il-21 t’April, 2008, fejn jirrizulta li l-avukat indikata fil-paragrafu precedenti hi assistent gudizzjarju;

5. Rat il-verbal tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet datat it-2 ta’ Lulju, 2013, li permezz tieghu esprimew il-qbil taghhom li t-trattazzjoni taghhom tal-kawza ssir bil-modalita` hemm indikata, (ara foll 535);

6. Ezaminat l-affidavidajiet,xhieda u dokumenti kopjuzi prodotti;

7. Ezaminat in-nota ta’ sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata l-8 ta’ Ottubru, 2013, (ara foll 548 *et sequitur*);

8. Ezaminat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-intimat datata s-6 ta’ Novembru, 2013, (ara foll 567 *et sequitur*);

9. Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-abbi rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

10.0. Illi l-vertenza in dizamina hi sintetikament naxxenti mis-segwenti fatti:

10.1. Illi r-rikorrenti zzewget lill-missier l-intimat fis-27 ta' Jannar, 1988, u kienu jabitaw fil-fond meritu ta' din il-procedura, bin-numru 157, *Two Gates Street*, l-Isla, li ghalkemm tidher li hi dar ta valur storiku hi wahda delapidata:

10.2. Illi biex ikun jista` jiffinanzja r-ristawr in dizamina, Carlo Pergolani, rispettivament zewgt ir-rikorrenti u missier l-intimat, kien ikkonkluda zewg (2) kuntratti rispettivament datati l-25 u mhux is-27 Ottubru, 1989, (kif indikat f'fol 497), u l-21 ta' Marzu, 1990, it-tnejn in atti tan-Nutur Dottor Joseph Brincat, (ara rispettivament foll 421 u foll 423);

10.3. Illi fl-istess imsemmija kuntratti indikati fil-paragrafu precedenti jirrizulta bl-aktar mod car u univoku li l-imsemmi Carlo Pergolani kien qieghed hemm jipparticipa ghan-nom u in rapprezentanza ta' ibnu l-intimat Michele, (ara foll 421 u foll 423), fejn fiz-zewg (2) okkazzjonijiet in dizamina l-imsemmi Carlo kien specifikament deskritt bil-mod segwenti:

> "… who is appearing on this deed for and on behalf of his son Michele Pergolani hereinafter referred to as 'the purchaser', (ara foll 421),

u sussegwentament:

> " … who is appearing on this deed as duly empowered by the annexed power of attorney

marked document ‘A’ for and on behalf of Michele Pergolani …” (ara foll 423);

10.4. Illi effettivament il-prokura datata l-21 ta’ Marzu, 1990, (ara foll 427 u 428), tissufraga b’mod car il-fatt li fil-kuntratti in dizamina li fihom ippartecipa l-mibki Carlo Pergolani, dan ma jirrizultax li ippartecipa fihom f’ismu personali izda biss ghan-nom u in rapprezentanza ta’ ibnu l-intimat Michele;

Ikkunsidrat:

11. Illi ghalhekk l-allegazzjoni tar-rikorrenti li ghandha xi drittijiet fir-rigward tal-propjeta` in dizamina tisfuma fix-xejn, u dan, nonostante z-zwieg legittimu taghha mal-imsemmi Carlo;

12. Illi dan qieghed jinghad u jigi ribatit fid-dawl tal-fatt li meta l-imsemmi Carlo Pergolani agixxa kontrattwalment u ippartecipa fiz-zewg kuntratti ta’ kompravendita in dizamina, dan ma agixxiex f’ismu propja izda biss f’isem ibnu Michele li allura hu s-sid inkontrastat tal-fond in dizamina, u ilu hekk mid-data tal-istess kuntratti fuq indikati;

13. Illi konsegwentement it-tezi tar-rikorrenti qatt ma tista` tregi;

**DECIDE:**

14.0. Illi konsegwentement, in vista tal-premess, din il-qorti ma tqisx li r-rikorrenti ipprovat il-kaz taghha skond il-ligi u konsegwentement:

14.1. Filwaqt li tirrespingi t-talbiet kollha tar-rikorrent;

14.2. Takkolji r-risposti tal-intimat;

14.3. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti Rita De Waele.

---

Onor. Imhallef Silvio Meli

DECIZJONI FINALI

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------